**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 16**

**6 ta' Mejju 2025**

Il-laqgħa numru 16 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju, 2025, fil- 16.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **16** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. |
| | |
| **16.1** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | Il-minuti kienu imqassma b'email qabel u kienu intbgħatu xi korrezzjonijiet grammatikali minn Matthew. Dawn ġew tranġati. Kien hemm ukoll korrezzjoni minn Miriam li tranġat dak il-ħin.<br><br>Għalhekk il-minuti setgħu jiġu approvati bil-proponent ikun Reno u sekondant ikun Matthew. |
| | Il-Petty Cash u l-iskeda tal-pagamenti kienu ukoll approvati bil-proponent ikun Reno u sekondant ikun Matthew |
| | |
| **16.2** | **Komunikazzjoni mis-sindku** |
| | Is-Sindku informa li fil-11 ta' April kellu laqgħa fuq fondi mal-Planning Authority u li fl-14 ta' April kienet saret konferenza stampa fuq l-attivita ta' San Girgor, imma Sindku bi protesta telaq. |
| | Is-Sindku qal li fi 22 ta' April kellu laqgħa flimkien mad-DES mal-ministru Ian Borg fuq il-flus tal-Magħluq. Intbgħatu emails ukoll u issa dan il-ħlas qiegħed għand l-MTA. Fl-istess ġurnata s-sindku attenda għal meeting fuq xogħolijiet ta' Triq Arznell mal-Perit Massa. |
| | Is-Sindku informa li fid-29 ta' April kien hemm konferenza organizzata mis-CMD u li għalija attendew il-viċi Sindku u id-DES.<br><br>Fl-istess ġurnata kien hemm ukoll il-laqgħa mal-bejjiegħa tal-monti sabiex tiġi spjegata l-bye law tal-ħinijiet u tindif tal-monti tal-ħadd u ta' fost il-ġimgħa. IS-Sindku qal li sabiex kollox ikun fl-ordni kull bejjiegħ irid tag li tingħata mill-Kunsill li fuqha jkollu van irreġistrat bin-numru tal-kaxxa. Matthew issuġġerixxa li tinġabar ukoll it-tip u l-għamla tal-vettura. Fuq dan kien hemm qbil. Id-DES qalet ukoll li minn dak in-nhar l'hawn kienet kellmita Dr Silvio sabiex tinforma li l-penali ma setgħax ikun dak ta' Euro 200, minħabba dan hu aktar minn dak li tippermetti l-liġi. Il-massimu li jista' jkun hu dak ta' Euro 70. Fuq dan kien hemm qbil ukoll.<br><br>Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa kien intalab li tal-ħut jibdew iniżżlu fil-5am minflok fil-5.30am u għalhekk id-DES ser tkun qed isaqsi l-avukat hekk kienx hemm xi ħaġa fuq dan fil-liġi. Fuq it-tindif ta' nhar ta' Ħadd is-sindku qal li issa li dieħel is-sajf kien hemm bżonn ta' aktar tindif bir-reqqa ħabba riħa tal-ħut. Għalhekk hu jaħseb li hemm bżonn li jiġi bowser bl-ilma għax kif qed jaħslu bħalissa mhux lant. Dan għaliex qed jużaw l-ilma baħar u riħa xorta qed tibqa' hemm. Għalhekk is-sindku qal li kien ser jipprova jkellem lic-CMD għal bowser |

| | |
|---|---|
| | imma hekk ma jirnexxilux jinġieb bowser u ħelper u jħallsu l-bejjiegħa għat tindif. |
| | Is-Sindku informa li fit-30 ta' April hu u DES kellhom laqgħa ma DG is-Sur Emil Vassallo. F'din il-laqgħa huma talbu għal aktar allokazzjoni fost affarijiet oħra peress li jaħsbu li din mhiex adekwata għal Marsaxlokk |
| | Is-Sindku spjega li fit-2 ta' Mejju id-DES attendiet għal laqgħa fuq skema ġdida tal-kultura li se tkun provduta għal 10 kunsilli b'budget ta' 250K u xi flus għal reklamar. Għaldaqstant hi kienet tkellmet ma Reno li hu l-kunsillier responsabbli mill-kulutra u kienu qed jissuġġerixxu festival fix-xatt għal street artist, u xi busking. Fuq dan kien hemm qbil minn kulħadd. |
| | Is-Sindku qal li fil-5 ta' Mejju saret konferenza stampa fuq il-jogging track li qed tiġi proposta naħa tal-Ħajt Ruman. |
| | Is-Sindku informa li fis-6 ta' Mejju hu u DES kellhom laqgħa ma' l-On. Miriam Dalli fejn ġew diskussa diversi suġġetti bħal l-arbli tal-magħluq, substation, il-wires tal-Magħluq, proġetti ma' Project Green, u l-carpark fost oħrajn |
| | |
| **16.3** | **Tender Bulky Refuse** |
| | Id-DES spjegat li Matthew kien qed joġġezzjona għal mod ta' kif ġie preżentat it-tender speċjalment għal fatt li fil-BOQ ma kienx hemm ammont speċifiku. Id-DES qalet li kien hemm referenza għal-ammont fid-dokument tat-tender u fil-BOQ kien qed isir average ibbażat fuq dak li kien hemm bżonn fit-2024 u 2023.<br><br>Minħabba li Matthew qal li dan it-tender inħareġ fuq contract for supplies u mhux Service, id-DES qalet li ser tieħu gwida minn għand id-DIER minħabba liġi tat-temping agencies. Matthew qal li hu kien se jieħu direzzjoni ukoll. It-Tender ġie deċiż li jitwaqqaf. |
| | |
| **16.4** | **Tender Triq Kavallerizza – Project Green** |
| | Id-DES qalet li tender ġie ppublikat flimkien mal-project green. Matthew qal li skond hu l-publiċita li ġiet kwotata fit-tender hi ħażina għax skontu dik li ġiet kwotata 2014/2020 għalqet. Id-DES qalet li ser tiċċekja. Id-DES qalet li kien hemm bżonn li jsir bord sabiex dan it-tender jiġi evalwat. Għalhekk dan il-bord ser ikun hekk:<br>- Persuna minn projectgreen bħala chairman<br>- Persuna minn projectgreen bħala evalwatur<br>- Ms Elaine Caruana<br>- Mr Fredrick Zammit |
| | |
| **16.2** | **Kommunikazzjoni mis-sindku – Mistoqsijiet** |
| | Miriam Saqsiet fuq il-mera ta' Delimara. Is-Sindku qal li kienu ser jitwaħħlu 3. Dawn kienu tal-aħħar għax kien qed ikun hemm ħafna vandaliżmu, Miriam saqsiet ukoll meta kienet ser issir l-isleeping policemen ħdejn Duncan. Is- |

| | |
|---|---|
| | Sindku wieġeb kif tinqala' triq.<br><br>Matthew saqsa fuq it-tabelli tar-ristoranti u Sindku wieġeb li kien ser jitkellem fuqa aktar tard. Matthew saqsa ukoll fuq id-DNO ta' Sqaq Busbiesi u Sindku wieġeb li l-perit qallu li DNO qed tkun valida biss għal 3 xhur u għalhekk irridu napplikaw għalija la jispiċċa xogħol privat fuq dan l-isqaq. Matthew saqsa ukoll għala tal-ġelat għadu ma daħalx fuq ġewwa. Sindku wieġeb li s'issa ma kienx hemm vot. Daniel qal li kellna nibatu għalih sabiex jiġu iċċekjati l-permessi. Steve qal li għalih mhemmx differenza hekk ikunx fuq ġewwa jew jibqa' barra l-aqwa li jkun fil-parking. Miriam qalet li ma jafettwahix fejn ikun. |
| | |
| **16.5** | **Stqarrija fuq il-Barumbara** |
| | Is-Sindku qal li jixtieq li l-Kunsill joħroġ stqarrija fuq il-Barumbara. Irridu naraw kif ser tiċċaqlaq ħalli tkun tista' ssir it-triq. |
| | |
| **16.6** | **Stqarrija Binja tal-Kunsill** |
| | Is-Sindku qal li wara laqgħa li kellu fis-7 ta' Mejju xtaq li skond kif tmur din il-laqgħa, il-kunsill jagħmel stqarrija. |
| | |
| **16.7** | **Karrijiet** |
| | Is-Sindku qal li dawn iċċaqalqu minn naħa ta' Port Ruman mhux minn naħa tal-Kunsill u xi ħadd qed jibgħathom fil-parking. Ser issir karta sabiex dawn jitneħħew. Fuq skall numru 1 ma jistgħux jitilgħu karrijiet.<br><br>In-Naħa tal-Magħluq il-kunsill ċempel lis-sajjied kollha sabiex ma jħallux ħmieġ u issa l-ġimgħa dieħla ser jibdew jitwaħħlu l-karti biex ineħħu. Matthew qal li meta l-kunsill qal iva għal permess hu kien qal li l-kunsill kellu jieħu deposit. Steve qal li din is-sena peress li kienet l-ewwel darba l-kunsill kien għalaq għajnejh. Steve qal li anke l-iskips tar-ristoranti kienu qed jibqgħu barra aktar mid-9am. Dawn kienu ser jiġu nfurmati.<br><br>Is-Sindku qal li hu kien qed jiġi pressat biex jgħatti permess ta' umbrella ħabba Health and Safety. Għalhekk ingħataw permess li jgħamlu umbrella għal prezz ta' Euro 3 kuljum u jistgħu joperaw kemm iridu nies minn taħta u tabella ta 1m x 0.5m. Imma min l-aktar li ried din l-umbrella sab oġġezzjoni għal ħlas bil-pretest li ristoranti ma kienux qed iħallsu.<br><br>Is-sindku qal li l-kunsill irid jara x'ser jagħmel fuq ir-ristoranti. Hu qed jissuġġerixxi li naħa tal-ħajt iridu jarmaw ġol-kaxxa tagħhom u hekk ħa jużaw ta' ħdejhom iridu jġibu l-permess bil-miktub m'għand ta' ħdejhom u jħallsu miżata. In-Naħa tal-baħar iridu jħallsu miżata ukoll għal umbrellel.<br><br>Matthew qal li hu ma jaqbilx li jkun hemm aktar minn permess wieħed bħalma |

| | |
|---|---|
| | ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti. Miriam qalet li Euro 3 kuljum hi ħafna u Daniel qal li din it-3Euro qiegħda fil-liġi.<br><br>Is-sindku qal li se jgħatti ċans ħa jara x'kien ħa joħroġ mill-laqgħa li kien ser ikollu mal-OPM. Hu qal ukoll li għad m'hemm l-ebda ħjiel ta' minn huma l-ħoloq, għalhekk hu kien qed jissuġġerixxi li minn għandu 3 permessi ħa jħallas ta' ħolqa waħda. Grupp ta' nies li jaħdmu flimkien minn ħolqa waħda iħallsu ta' permess wieħed. Kull min għandu umbrella anke ristoranti iridu jħallsu. L-umbrella trid tkun ta' qies 3m x 3m u se jingħataw ir-ritratti ta' kif iridu jarmaw u sa fejn jistgħu jarmaw.<br><br>Miriam saqsiet hekk il-kunsill jistgħax jgħamel xi ħaġa fuq ir-ristoranti u l-umbrellel tagħhom. Is-Sindku qal li iva.<br><br>Matthew qal li hu ma jaqbilx li joħorġu permessi għal umbrellel għal-boat trips, sakemm mhux il-każ li għax qed jistennew li tinħoloq Koperattiva. Steve qal li ser jibqgħu jinsisti li l-kunsill irid venda minn post wieħed avolja diġà kien hemm minn qed jgħid li l-kaxxa tagħha kienet ser titkisser. Is-Sindku qal ukoll li l-kaxxa kella tinkludi ukoll it-tickets għat-taxi. Fuq it-taxi is-sindku qal li drop off kien ser ikun ħdejn id-Duncan u jmorru jistennew ħdejn il-Hunters towers.<br><br>Wara laqgħa mal-OPM kienet ser terġa' tiġi diskussa din il-materja, però hekk mhux ha ssir kaxxa waħda l-kunsill ma kienx ser jidħol fiha. |
| | |
| **16.8** | Planning Authority |
| | Daniel qal li kien attenda fuq il-każ ta' Triq Bartelemy fejn qed jiġi ssuġġerita alignment tat-triq billi l-bini joħroġ il-barra. Il-Każ tal-espraproprażjoni tal-art ser jkun għal xaharejn oħra. |

Konfermati, illum 4 ta' Ġunju, 2025.

IFFIRMATA

__________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

IFFIRMATA

__________________________

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

IFFIRMAT

__________________________

***Proponent***

IFFIRMATA

__________________________

***Sekondant***